



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.10.2009
KUMM(2009) 535 finali

2009/0151 (COD) C7-0239/09

Proposta għal

REGOLAMENT (KE) Nru .../... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' [...]

dwar l-istatistika ta' l-iskart

(Verżjoni kkodifikata)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa għall-poplu, il-Kummissjoni tisħaq li tissimplifika u tiċċara l-liġi tal-Komunità sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli liċ-ċittadin komuni u b'hekk toffrilu aktar opportunitajiet u ċ-ċans li juża d-drittijiet speċifiċi li tagħtih.

Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi b'mod sostanzjali, jibqgħu imferxin bejn l-att oriġinali u atti segwenti li jemendaw l-oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' riċerka mdaqqsa li tqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli preżenti.

Għalhekk hu essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tal-Komunità tkun ċara u trasparenti.

2. Għalhekk fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li r-regoli tal-Komunità huma ċari u jinftehm malajr.
3. Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan², waqt li saħqu l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza għal-liġi applikabbli.

Il-kodifikazzjoni għandha sseħħ skond il-proċedura normali leġislattiva tal-Komunità.

Għalkemm l-ebda bidla sostanzjali ma tista ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu permezz ta' ftehim interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 li jistgħu jużaw proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni bikrija ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta hi li sseħħ il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2150/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika ta' l-iskart³. Ir-Regolament il-ġdid jissupera lill-atti varji inkorporati fih⁴; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu ta' l-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kull ma tagħmel hu li tgħaqqadhom bl-emendi formali biss kif meħtieġ mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.
5. Il-proposta tal-kodifikazzjoni nħasbet a bażi ta' konsolidazzjoni preliminarja fl-ilsna kollha uffiċjali tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 u ta' l-atti li jemendawh, magħmula mill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' data. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri ġodda u qodma tidher fit-tabella misjuba fl-Anness V tar-Regolament kkodifikat.

¹ KUMM(87) 868 PV.

² Ara l-Anness 3 għal Parti A tal-Konklużjonijiet.

³ Magħmul skond il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni ta' l-*Acquis Communautaire*, KUMM(2001) 645 finali.

⁴ Ara l-Anness IV għal din il-proposta.

↓ 2150/2002

2009/0151 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT (KE) Nru .../... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' [...]

dwar l-istatistika ta' l-iskart (verżjoni kkodifikata)

(test b'rilevanza ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Mixjin skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁶

Billi:

↓

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika ta' l-iskart⁷ ġie emendat kemm-il darba⁸ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jġi kkodifikat.

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁷ ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1.

⁸ Ara l-Anness IV.

↓ 2150/2002 premessa 1

- (2) Hija meħtieġa mill-Komunità statistika regolari Komunitarja dwar il-produzzjoni u l-ġestjoni ta' l-iskart min-negozji u d-djar privati sabiex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-politika dwar l-iskart. Dan johlq il-bażi għall-konformità tal-monitoraġġ mal-prinċipji tal-massimizzazzjoni ta' l-irkupru u d-disponiment minnu fis-sigurtà. Madankollu, għadhom meħtieġa strumenti statistiċi sabiex jistmaw il-konformità mal-prinċipju tal-prevenzjoni ta' l-iskart u li tiġi stabbilita rabta bejn l-informazzjoni dwar il-ġenerazzjoni ta' l-iskart u l-inventarji globali, nazzjonali u reġjonali dwar l-użu tar-riżors.

↓ 2150/2002 premessa 2

- (3) Jeħtieġu li jiġu ddefiniti t-termini għad-definizzjoni ta' l-iskart u l-ġestjoni ta' l-iskart sabiex tiġi żgurata l-paragunabbiltà tar-riżultati fl-istatistika ta' l-iskart.

↓ 2150/2002 premessa 3

- (4) Il-politika Komunitarja ta' l-iskart wasslet li jiġi stabbilit sett ta' prinċipji li jridu jiġu segwiti mill-unitajiet li jipproduċu l-iskart u mill-ġestjoni ta' l-iskart. Dan jeħtieġ il-monitoraġġ tal-ġenerazzjoni, il-ġbir, l-irkupru u d-disponiment mill-fluss ta' l-iskart.

↓ 2150/2002 premessa 4 (adattat)

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej⁹ ☒ jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ☒.

↓ 2150/2002 premessa 5

- (6) Sabiex jiġu ggarantiti riżultati li jistgħu jitqabblu, l-istatistika ta' l-iskart għandha tiġi prodotta skond it-tqassim waħda waħda speċifikat, fil-ġhamla xierqa u f'perjodu fiss taż-żmien mit-tmiem tas-sena tar-riferiment.

⁹ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

↓ 2150/2002 premessa 8

- (7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni¹⁰.

↓ 221/2009 premessa 4 (adattat)

- (8) Għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-kriterji xierqa ta' valutazzjoni tal-kwalità kif ukoll tal-kontenut tar-rapporti ta' kwalità, biex timplimenta r-riżultati ta' l-istudji pilota u biex tadatta l-kontenut ta' l-Annessi. Billi dawn il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjonijiet ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, kif ukoll jissupplementawh biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE,

↓ 2150/2002

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament u ġewwa l-qafas tiegħu:

↓ 2150/2002 (adattat)

- (a) "skart" ifisser kull sustanza jew oġġett kif iddefiniti fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹;
- (b) "frazzjonijiet ta' l-iskart miġbura separatament" tfisser l-iskart tad-djar u skart simili, miġbur bil-għażla fi frazzjonijiet omoġenji mis-servizzi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet ta' bla qlieġ u l-intrapriżi privati li jaġixxu fil-kamp tal-ġbir organizzat ta' l-iskart;

¹⁰ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

¹¹ ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

- (c) "riċiklaġġ" għandu l-istess tifsira bħal fid-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE¹²;
- (d) "irkupru" ifisser kull waħda mill-ħidmiet ipprovduti fl-Anness IIB mad-Direttiva 2006/12/KE;
- (e) "disponiment" ifisser kull waħda mill-ħidmiet ipprovduti fl-Anness IIA mad-Direttiva 2006/12/KE;
- (f) "faċilità ta' l-irkupru jew tad-disponiment" tfisser faċilità li teħtieġ permess jew reġistrazzjoni skond l-Artikoli 9, 10 jew 11 tad-Direttiva 2006/12/KE;
- (g) "skart perikoluż" ifisser kull skart kif iddefinit fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE¹³;
- (h) "skart mhux perikoluż" ifisser l-iskart li mhux kopert bil-punt (g);
- (i) "inċinerazzjoni" tfisser it-trattament termali ta' l-iskart f'impjant ta' l-inċinerazzjoni jew impjant tal-ko-inċinerazzjoni kif iddefiniti rispettivament fl-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴;
- (j) "terraferma" tfisser sit tad-disponiment mill-iskart kif iddefinit fl-Artikolu 2(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE¹⁵;
- (k) "kapaċità tal-faċilitajiet ta' l-inċinerazzjoni ta' l-iskart" tfisser il-kapaċità massima sabiex jinħaraq l-iskart, f'tunnellati metriċi fis-sena jew f'gigajoules;
- (l) "kapaċità tal-faċilitajiet li jirriċiklaw l-iskart" tfisser il-kapaċità massima sabiex jiġi rriċiklat l-iskart, f'tunnellati metriċi fis-sena;
- (m) "il-kapaċità tat-terrafermi" tfisser il-kapaċità li tiftal (fl-aħħar tas-sena tar-riferiment ta' l-informazzjoni) fil-faċilità tat-terraferma sabiex tiddisponi mill-iskart fil-futur, imkejla f'metri kubi;
- (n) "kapaċità tal-faċilitajiet l-oħra li jirriċiklaw l-iskart" tfisser il-kapaċità medja tad-disponiment mill-iskart, imkejla f'tunnellati metriċi kull sena.

¹² ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.

¹³ ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20.

¹⁴ ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91.

¹⁵ ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

Artikolu 2

Il-mira

1. Il-mira ta' dan ir-Regolament hija li tistabbilixxi qafas għall-produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja dwar il-ġenerazzjoni, l-irkupru u d-disponiment mill-iskart.
2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, għandhom jipproduċu l-istatistika Komunitarja dwar il-ġenerazzjoni, l-irkupru u d-disponiment mill-iskart, bl-esklużjoni ta' l-iskart radjoattiv, li huwa diġà kopert b'leġislazzjoni oħra.
3. L-istatistika għandha tkopri l-firxiet li ġejjin:
 - (a) Il-Ġenerazzjoni ta' l-iskart skond l-Anness I;
 - (b) L-irkupru u d-disponiment mill-iskart skond l-Anness II;
 - (ċ) Wara l-istudji pilota li hemm fl-Artikolu 4(2), l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' l-iskart li dwarhom ma tinġabar l-ebda informazzjoni taħt ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1013/2006¹⁶, skond l-Anness III għal dan ir-Regolament.
4. Meta jkunu qegħdin jiġu kkompilati l-istatistiċi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom josservaw in-nomenklatura statistika orjentata prinċipalment lejn is-sustanzi, kif iddikjarat fl-Anness III.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' ekwivalenza bejn in-nomenklatura statistika li tidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament u l-lista ta' l-iskart stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE¹⁷. Dawk il-miżuri li għandhom l-għan li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jikkompletawh huma adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju indikata fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament.

¹⁶ ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

¹⁷ ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

↓ 2150/2002

Artikolu 3

Il-ġbir ta' l-informazzjoni

↓ 221/2009 Art. 1(2)

1. L-Istati Membri jiġbru, billi jirrispettaw il-kondizzjonijiet ta' kwalità u ta' preċiżjoni ddefiniti skond it-tieni inċiż, id-*data* neċessarja għall-ispeċifikazzjoni tal-karatteristiċi nnumerati fl-Annessi I u II permezz ta' dawn il-mezzi:

- (a) stħarriġ;
 - (b) sorsi amministrattivi jew oħra, bħalma huma d-dikjarazzjonijiet obligatorji fil-qafas tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart;
 - (ċ) proċeduri ta' l-istima statistika dwar il-bażi tal-kampjuni meħudin kif ġie ġie jew l-istimaturi li għandhom x'jaqsmu ma' l-iskart; jew
-

↓ 221/2009 Art. 1(2) (adattat)

- (d) uħud mil-mezzi flimkien ☒ msemmija f'(a), (b) u (ċ) ☒.
-

↓ 221/2009 Art. 1(2)

Il-kondizzjonijiet ta' kwalità u ta' preċiżjoni huma ddefiniti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri li għandhom l-għan li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jikkompletawh huma adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju indikata fl-Artikolu 6(3).

Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet tax-xogħol, l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess, fil-limiti u l-kondizzjonijiet iffissati minn kull Stat Membru u mill-Kummissjoni fl-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tagħhom, għas-sorsi tad-*data* amministrattiva.

↓ 2150/2002

2. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi ż-żgħar, l-intrapriżi ta' inqas minn 10 impjegati għandhom jiġu esklużi mill-istħarriġ, għajr jekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ġenerazzjoni ta' l-iskart.

↓ 2150/2002 (adattat)

⊗ Din l'⊗ - esklużjoni ⊗ għandha ⊗ tkun konsistenti mal-kopertura u l-miri tal-kwalità kif imsemmija fit-Taqsima 7(1) ta' l-Annessi I u II.

↓ 2150/2002

3. L-Istati Membri għandhom jipproduċu r-riżultati statistiċi wara t-tqassim wieħed wieħed iddikjarat fl-Annessi I u II.

4. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu r-riżultati, inkluża l-informazzjoni kunfidenzjali, lill-Eurostat fil-format xieraq u fil-perjodu taż-żmien ffixsat mit-tmiem tal-perjodu rispettivi taż-żmien tar-riferiment, kif stabbilit fl-Annessi I u II.

5. It-trattament ta' l-informazzjoni kunfidenzjali u tat-trasmissjoni ta' din l-informazzjoni kif ipprovdut fil-paragrafu 4 għandhom jitwettqu skond id-dispożizzjonijiet eżistenti li jirregolaw il-kunfidenzjalità ta' l-istatistika.

↓ 2150/2002 (adattat)

Artikolu 4

⊗ Studji pilota ⊗

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm għall-istudji pilota dwar l-iskart mill-attivitajiet ekonomiċi msemmija fit-Taqsima 8(1.1.), rubrika 1 u 2 ta' l-Anness I sabiex jitwettqu mill-Istati Membri. L-istudji pilota għandhom jimmiraw li jiżviluppaw metodoloġija sabiex tinkiseb informazzjoni regolari li trid tiġi rregolata mill-prinċipji ta' l-istatistika Komunitarja, kif stabbiliti f' Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

↓ 221/2009 Art. 1(3)

Il-Kummissjoni għandha tiffinanzja sa 100 % l-ispejjeż tat-tmexxija ta' l-istudji pilota. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' l-istudji pilota, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri ta' l-implimentazzjoni meħtieġa. Dawk il-miżuri, li huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplementawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament.

↓ 221/2009 Art. 1(4) (adattat)

2. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' l-istudji pilota, ⊗ dwar l-importazzjoni u l-espostazzjoni ta' l-iskart li jrid jitwettaq mill-Istati Membri skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 ⊗ il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar

il-possibiltajiet li jiġu miġbura statistiċi għall-attivitajiet u l-karatteristiċi koperti minn dawk l- istudji pilota. Il-miżuri ta' implimentazzjoni neċessarji huma adottati mill-Kummissjoni. Dawn il-miżuri li għandhom l-għan li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jikkompletawh huma adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju indikata fl-Artikolu 6(3).

↓221/2009 Art. 1(5) (adattat)

Artikolu 5

Miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2).

Dawn għandhom jinkludu, b'mod partikolari, miżuri:

- (a) l-elaborazzjoni tar-riżultati skond l-Artikolu 3(2), (3) u (4), filwaqt li jitqiesu l-istrutturi ekonomiċi u l-kondizzjonijiet tekniċi eżistenti fi Stat Membru. Dawn il-miżuri jistgħu jippermettu Stat Membru li ma jikkomunikax ċerti elementi li jidhru fil-klassifikazzjoni, sakemm jiġi ppruvat li l-impatt fuq il-kwalità ta' l-istatistika huwa limitat. Fil-każijiet kollha, fejn jingħataw derogi, għandha tiġi kkompilata l-kwantità kollha ta' l-iskart għal kull rubrika nnumerata fl-Anness I, Taqsimiet 2(1), u 8(1);
- (b) l-iffissar tal-modalitajiet xierqa għall-komunikazzjoni tar-riżultati mill-Istati Membri mhux iktar tard mid-29 ta' Diċembru 2004.

2. Miżuri li għandhom l-għan li jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplementawh, li jwasslu notevolment għall-għanijiet li ġejjin, għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju indikata fl-Artikolu 6(3):

- (a) għall-aġġustament ta' l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi f'dak li jikkonċerna l-ġbir u l-proċessar ta' l-informazzjoni statistika, kif ukoll għall-ipproċessar u l-komunikazzjoni tar-riżultati;
- (b) għall-aġġustament ta' l-ispeċifikazzjonijiet indikati fl-Annessi I, II u III;
- (c) għad-definizzjoni tal-kriterji xierqa kemm tal-valutazzjoni tal-kwalità kif ukoll tal-kontenut tar-rapporti tal-kwalità indikati fit-Taqsima 7 ta' l-Annessi I u II;
- (d) għall-implimentazzjoni tar-riżultati ta' l-istudji pilota, b'konformità ma' l-Artikolu 4.

↓ 221/2009, Art. 1(5) (adattat)

Artikolu 6

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill- Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (Kumitat tal-Istatistika ESS) , istitwit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

2. Fil-każ li ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE huwa stabbilit għal tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5(a)(1) sa (4) u (7) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tiegħu.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2006/12/KE l-abbozzi tal-miżuri li tkun biħsiebha tissottometti lill- Kumitat tal-Istatistika ESS) .

↓ 2150/2002 (adattat)

Artikolu 7

Ir-rapport

1. Kull tlett snin li jibdew mid-29 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika kkompilata skond dan ir-Regolament u b'mod partikolari dwar il-kwalità tagħha u l-piż fuq in-negozji.

2. Il-Kummissjoni għandha mhux aktar tard mid-29 ta' Diċembru 2004 tissottometti, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta li tabolixxi l-obbligi tar-rappurtaġġ li jirkbu lil xulxin.

↓ 221/2009 Art. 1(7) (adattat)

3. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ tipproponi reviżjoni ta' l-istudji pilota msemmija fl-Artikolu 4, li jridu jiġu deċiżi skond il-poċedura msemmija fl-Artikolu 6(3).



Artikolu 8

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftehm u bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

↓ 2150/2002

Artikolu 9

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

↓ 2150/2002

ANNEX I

IL-ĠENERAZZJONI TA' L-ISKART

TAQSIMA 1

↓ 1893/2006 Art. 15(2) u
Anness IV pt. (1)

KOPERTURA

L-istatistika għandha tinġabar fir-rigward ta' l-attivitajiet kollha kklassifikati fil-kopertura tat-Taqsimiet minn A sa V tan-NACE Rev. 2. Dawn it-taqsimiet ikopru l-attivitajiet ekonomiċi kollha.

Dan l-Anness ikopri wkoll:

- (a) skart iġġenerat mid-djar;
 - (b) skart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' rkupru u/jew disponiment.
-

↓ 574/2004 Art. 1 pt 1 u Anness I

SEZZJONI 2

KATEGORIJI TA' L-ISKART

1. Statistiċi fuq il-kategoriji ta' l-iskart li ġejjin iridu jiġu maħduma:

Lista ta' l-affarijiet flimkien

Numru ta' l-oġġett	EWC-Stat/Verżjoni 3		Skart perikoluż/Mhux perikoluż
	Il-Kodiċi	Deskrizzjoni	
1	01.1	Solventi eżawriti	Perikoluż
2	01.2	Skart aċiduż, alkalin jew mielaħ	Mhux perikoluż

3	01.2	Skart aċiduż, alkalin jew mielaħ	Perikoluż
4	01.3	Żjut użati	Perikoluż
5	01.4	Katalisti kimiċi eżawriti	Mhux perikoluż
6	01.4	Katalisti kimiċi eżawriti	Perikoluż
7	02	Skart tal-preparazzjoni tal-kimika	Mhux perikoluż
8	02	Skart tal-preparazzjoni tal-kimika	Perikoluż
9	03.1	Depożiti u fdalijiet kimiċi	Mhux perikoluż
10	03.1	Depożiti u fdalijiet kimiċi	Perikoluż
11	03.2	Dranaġġ ta' l-efflussi industrijali	Mhux perikoluż
12	03.2	Dranaġġ ta' l-efflussi industrijali	Perikoluż
13	05	Skart tal-kura tas-saħħa u skart bioloġiku	Mhux perikoluż
14	05	Skart tal-kura tas-saħħa u skart bioloġiku	Perikoluż
15	06	Skart metalliku	Mhux perikoluż
16	06	Skart metalliku	Perikoluż
17	07.1	Skart tal-ħġieġ	Mhux perikoluż
18	07.1	Skart tal-ħġieġ	Perikoluż
19	07.2	Skart tal-karti u tal-kartun	Mhux perikoluż
20	07.3	Skart tal-gomma	Mhux perikoluż
21	07.4	Skart tal-plastik	Mhux perikoluż
22	07.5	Skart ta' l-injam	Mhux perikoluż
23	07.5	Skart ta' l-injam	Perikoluż
24	07.6	Skart tat-tessuti	Mhux perikoluż
25	07.7	Skart li fih il-PCB	Perikoluż

26	08	Apparat mormi	Mhux perikoluż
27	08	Apparat mormi	Perikoluż
28	08.1	Vetturi mormija	Mhux perikoluż
29	08.1	Vetturi mormija	Perikoluż
30	08.41	Skart tal-batteriji u ta' l-akkumulaturi	Mhux perikoluż
31	08.41	Skart tal-batteriji u ta' l-akkumulaturi	Perikoluż
32	09	Skart ta' l-animali u veġetali (eskluż l-iskart ta' l-animali mill-preparazzjoni ta' l-ikel u l-prodotti tiegħu; u eskluż il-ħmieġ, l-awrina u demel ta' l-animali	Mhux perikoluż
33	09.11	L-iskart ta' l-animali mill-preparazzjoni ta' l-ikel u l-prodotti tiegħu	Mhux perikoluż
34	09.3	Il-ħmieġ ta' l-animali, l-awrina u d-demel	Mhux perikoluż
35	10.1	Skart domestiku u skart simili	Mhux perikoluż
36	10.2	Materjali mħallta u mhux differenzati	Mhux perikoluż
37	10.2	Materjali mħallta u mhux differenzati	Perikoluż
38	10.3	Residwi rranġati fi gruppi	Mhux perikoluż
39	10.3	Residwi rranġati fi gruppi	Perikoluż
40	11	Dranaġġi komuni (eskluż l-iskart tal-ħama)	Mhux perikoluż
41	11.3	L-iskart tal-ħama	Mhux perikoluż
42	12.1 + 12.2 + 12.3 + 12.5	Skart minerali (eskluż l-iskart tal-ħruq, ħamrija kkontaminata u skart tal-ħama mniġġes)	Mhux perikoluż

43	12.1 + 12.2 + 12.3 + 12.5	Skart minerali (eskluż l-iskart tal-ħruq, ħamrija kkontaminata u skart tal-ħama mniġġes)	Perikoluż
44	12.4	Skart tal-ħruq	Mhux perikoluż
45	12.4	Skart tal-ħruq	Perikoluż
46	12.6	Ħamrija kkontaminata u skart tal-ħama mniġġes	Perikoluż
47	13	Skart kontaminat, imwebbes jew mibdul fi ħġieġ	Mhux perikoluż
48	13	Skart kontaminat, imwebbes jew mibdul fi ħġieġ	Perikoluż

↓ 221/2009 Art. 1(8)(a) (adattat)

2. Skond l-obbligu tar-rappurtaġġ taħt id-Direttiva 94/62/KE, il-Kummissjoni trid tfassal programm għal studji pilota sabiex jitwettqu fuq bażi volontarju mill-Istati Membri sabiex jistmaw ir-rilevanza li jiġi inkluż id-dħul ta' l-iskart mill-pakkeġġjar (il-Verżjoni ☒ 3 ☒ ta' l-EWC Stat) fil-lista tat-tqassim waħda waħda ddikjarat fil-punt 1. Il-Kummissjoni trid tiffinanzja sa 100 % l-ispejjeż tat-tmexxija ta' dawn l-istudji pilota. Abbażi tal-konklużjonijiet ta' dawn, il-Kummissjoni tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa. Dawn il-miżuri li għandhom l-għan li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jikkompletawh huma adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju indikata fl-Artikolu 6(3).

↓ 2150/2002 (adattat)

TAQSIMA 3

IL-KARATTERISTIĊI

1. Il-karatteristiċi għall-kategoriji ta' l-iskart:

Għal kull kategorija ta' skart fit-Taqsima 2(1), trid tiġi kkompilata l-kwantità ta' skart iġġenerat.

↓ 2150/2002

2. Il-karatteristiċi reġjonali:

Il-popolazzjoni jew l-abitanti servuti b'sistema tal-ġbir għall-iskart imħallat tad-djar u simili (il-livell 2 tan-NUTS).

TAQSIMA 4

L-UNITÀ TAR-RAPPURTAĠĠ

1. L-unità tar-rappurtaġġ li trid tintuża għall-kategoriji kollha ta' l-iskart hija ta' 1 000 tunnellata metrika ta' skart (normali) mxarrab. Għall-kategoriji ta' l-iskart "tajn" għandha tiġi pprovduta ċifra addizzjonali għall-materjal niexef.
2. L-unità tar-rappurtaġġ għall-karatteristiċi reġjonali għandha tkun il-perċentwal tal-popolazzjoni jew ta' l-abitanti.

↓ 2150/2002 (adattat)

TAQSIMA 5

L-EWWEL SENA TAR-RIFERIMENT U L-PERJODIĊITÀ

1. L-ewwel sena tar-riferiment hija ☒ 1-2004 ☒.

↓ 2150/2002

2. L-Istati Membri għandhom ifornu l-informazzjoni għal kull tieni sena wara l-ewwel sena tar-riferiment.

TAQSIMA 6

IT-TRASMISSJONI TA' L-ISTATISTIKA LILL-EUROSTAT

Ir-riżultati jridu jiġu trasmessi fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena tar-riferiment.

TAQSIMA 7

IR-RAPPORT DWAR IL-KOPERTURA U L-KWALITÀ TA' L-ISTATISTIKA

↓ 221/2009 Art. 1(8)(b) (adattat)

1. Għal kull rubrika li tidher fit-Taqsima 8 (attivitajiet u djar), l-Istati Membri jridu jindikaw il-proporzjon bejn l-istatistiċi stabbiliti u l-univers totali ta' l-iskart ta' l-istess rubrika. L-esiġenzi minimi li jikkonċernaw il-kopertura huma ddefiniti mill-Kummissjoni. Dawn il-miżuri li għandhom l-għan li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jikkompletawh huma adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju indikata fl-Artikolu 6(3).
-

↓ 2150/2002

2. L-Istati Membri jridu jissottomettu rapport ta' kwalità, li jindika l-grad ta' preċiżjoni rigward l-informazzjoni miġbura. Trid tingħata deskrizzjoni dwar l-istimi, l-aggregazzjonijiet jew l-esklużjonijiet, u l-mod kif dawn il-proċeduri jaffettwaw id-distribuzzjoni tal-kategoriji ta' l-iskart, elenkati fit-Taqsima 2(1) skond l-attivitajiet ekonomiċi u d-djar, kif imsemmi fit-Taqsima 8.
-

↓ 2150/2002 (adattat)

3. Il-Kummissjoni trid tinkludi l-kopertura u r-rapporti ta' kwalità fir-rapport ipprovdut fl-Artikolu 7.

TAQSIMA 8

IL-PRODUZZJONI TAR-RIŻULTATI

1. Ir-riżultati għall-karatteristiċi elenkati fit-Taqsima 3(1) iridu jiġu kkompilati għal:
-

↓ 1893/2006 Art. 15 pt. 2 u
Anness IV pt. 2

- 1.1. il-punti li ġejjin, kif deskritti fit-termini tal-Kodiċi tan-NACE Rev.2:

Nru ta' l-oġġett	Kodiċi tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni

1	Diviżjoni 01	Produzzjoni ta' għelejjel u annimali, kaċċa u attivitajiet relatati ta' servizz
	Diviżjoni 02	Forestrija u qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam
2	Diviżjoni 03	Sajd u akwakultura
3	Taqsimi B	Minjieri u barrieri
4	Diviżjoni 10	Manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel
	Diviżjoni 11	Manifattura ta' xorb
	Diviżjoni 12	Manifattura ta' prodotti tat-tabakk
5	Diviżjoni 13	Manifattura ta' tessuti
	Diviżjoni 14	Manifattura ta' ħwejjeġ li jintlibsu
	Diviżjoni 15	Manifattura ta' ġilda u prodotti relatati
6	Diviżjoni 16	Manifattura ta' injam u ta' prodotti ta' l-injam u s-sufra, għajr għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjal għall-immaljar
7	Diviżjoni 17	Manifattura ta' karta u prodotti tal-karti
	Diviżjoni 18	Stampar u riproduzzjoni ta' midja rreġistrati
8	Diviżjoni 19	Manifattura ta' kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
9	Diviżjoni 20	Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi
	Diviżjoni 21	Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali, kimiċi u botaniċi
	Diviżjoni 22	Manifattura ta' prodotti tal-lastku u tal-plastik
10	Diviżjoni 23	Manifattura ta' prodotti oħra minerali mhux metalliċi
11	Diviżjoni 24	Manifattura ta' metalli bażiċi
	Diviżjoni 25	Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir
12	Diviżjoni 26	Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniki u ottiċi
	Diviżjoni 27	Manifattura ta' tagħmir elettriku
	Diviżjoni 28	Manifattura ta' makkinarju u tagħmir n.e.c.

	Diviżjoni 29	Manifattura ta' vetturi bil-mutur
	Diviżjoni 30	Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport
13	Diviżjoni 31	Manifattura ta' għamara
	Diviżjoni 32	Manifattura oħra
	Diviżjoni 33	Tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir
14	Taqsimi D	Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkondizzjonata
15	Diviżjoni 36	Ġbir, trattament u provvista ta' ilma
	Diviżjoni 37	Sistemi ta' drenaġġi
	Diviżjoni 39	Attivitajiet ta' rimedjazzjoni u servizzi oħra ta' ġestjoni ta' l-iskart
16	Diviżjoni 38	Attivitajiet ta' ġbir u trattament ta' l-iskart u disponiment minnu; irkupru ta' materjal
17	Taqsimi F	Kostruzzjoni
18		Attivitajiet ta' servizz:
	Taqsimi G, barra 46.77	Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi
	Taqsimi H	
	Taqsimi I	Trasport u ħażna
	Taqsimi J	Akkommodazzjoni u attivitajiet ta' servizz marbut ma' l-ikel
	Taqsimi K	Informazzjoni u komunikazzjoni
	Taqsimi L	Attivitajiet finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni
	Taqsimi M	Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli
	Taqsimi N	Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi
	Taqsimi O	Attivitajiet amministrattivi u ta' servizz ta' sostenn
	Taqsimi P	Amministrazzjoni pubblika u difiża; assicurazzjoni soċjali obbligatorja
	Taqsimi Q	Edukazzjoni
	Taqsimi R	Saħħa tal-bniedem u attivitajiet ta' xogħol soċjali

	Taqsimha S	Arti, divertiment u rikreazzjoni
	Taqsimha T	Attivitajiet oħra ta' servizz Attivitajiet ta' persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu; attivitajiet ta' produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux iddifferenzjati għall-użu ta' l-individwu stess
	Taqsimha U	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali
19	Kategorija 46.77	Bejgħ bl-ingrossa ta' skart u ruttam

↓ 2150/2002
→₁ 1893/2006 Art. 15(1)

1.2. id-djar

20	L-iskart iġġenerat mid-djar
----	-----------------------------

2. Rigward l-attivitajiet ekonomiċi, l-unitajiet statistiċi huma unitajiet lokali jew unitajiet ta' għamla ta' attivitajiet, kif iddefiniti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93¹⁸, skond is-sistema statistika ta' kull wieħed mill-Istati Membri.

Fir-rapport tal-kwalità, li jrid jiġi prodott taħt it-Taqsima 7, għandha tiġi inkluża deskrizzjoni dwar kif l-unità statistika magħżula taffettwa d-distribuzzjoni ta' l-informazzjoni fil-gruppi tan- →₁ NACE REV 2 ←.

¹⁸ ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1.

ANNEX II

L-IRKUPRU TA' L-ISKART U D-DISPONIMENT MINNU

TAQSIMA 1

IL-KOPERTURA

1. L-istatistika trid tiġi kkompilata għall-irkupru kollu tal-faċilitajiet u d-disponiment kollu minnu li jagħmlu kull waħda mill-ħidmiet msemmija fit-Taqsima 8(2) u li jappartjenu għal jew huma parti mill-attivitajiet ekonomiċi skond l-aggruppamenti fin-→₁ NACE REV 2 ←, imsemmija fit-Taqsima 8 (1.1.) ta' l-Anness I.
2. Il-faċilitajiet li l-attivitajiet tagħhom tat-trattament ta' l-iskart huma limitati għar-riċiklaġġ ta' l-iskart fuq il-post meta kien iġġenerat l-iskart, mhumiex koperti b'dan l-Anness.

↓ 783/2005 Art. 1 u Anness
(adattat)

TAQSIMA 2

KATEGORIJI TA' SKART

Il-lista ta' kategoriji ta' skart li għalihom trid tiġi kkompilata l-istatistika, skont il-ħidmiet ta' rkupru u rimi, kif imsemmi fit-taqsima 8(2), huma dawn li ġejjin:

Inċinerazzjoni			
Nru tal-Partita	EWC-Stat Verżjoni 3		Skart perikoluż/ mhux perikoluż
	Kodiċi	Deskrizzjoni	
1	01 + 02 + 03	Skart kimiku (Skart kimiku kompost + skart ta' preparazzjonijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor)	Mhux perikoluż
2	01 + 02 + 03 eskl. 01.3	Skart kimiku ħlief Żjut użati (Skart kimiku kompost + skart ta' preparazzjonijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor)	Perikoluż

3	01.3	Żjut użati	Perikoluż
4	05	Skart mill-kura tas-saħħa u bijoloġiku	Mhux perikoluż
5	05	Skart mill-kura tas-saħħa u bijoloġiku	Perikoluż
6	07.7	Skart li fih il-PCB	Perikoluż
7	10.1	Skart tad-djar u simili	Mhux perikoluż
8	10.2	Materjali mħallta u mhux differenzjati	Mhux perikoluż
9	10.2	Materjali mħallta u mhux differenzjati	Perikoluż
10	10.3	Fdalijiet mill-għażil	Mhux perikoluż
11	10.3	Fdalijiet mill-għażil	Perikoluż
12	11	Tjun komuni	Mhux perikoluż
13	06 + 07 + 08 + 09 + 12 + 13	Skart ieħor (Skart metalliku + Skart mhux metalliku + Tagħmir imwarrab + Skart mill-annimali u veġetali + Skart minerali + Skart solidifikat, stabilizzat jew vetrifikat)	Mhux perikoluż
14	06 + 07 + 08 + 09 + 12 + 13 eskl. 07.7	Skart ieħor (Skart metalliku + Skart mhux metalliku ħliet skart li fih il-PCB + Tagħmir imwarrab + Skart mill- annimali u veġetali + Skart minerali + Skart solidifikat, stabilizzat jew vetrifikat)	Perikoluż

Xogħlijiet li jistgħu jwasslu għall-irkupru

(ħliet irkupru ta' enerġija)

Nru tal-Partita	EWC-Stat Verżjoni 3		Skart perikoluż/ mhux perikoluż
	Kodiċi	Deskrizzjoni	
1	01.3	Żjut użati	Perikoluż
2	06	Skart metalliku	Mhux perikoluż
3	06	Skart metalliku	Perikoluż

4	07.1	Skart tal-ħġieġ	Mhux perikoluż
5	07.1	Skart tal-ħġieġ	Perikoluż
6	07.2	Skart tal-karta u l-kartun	Mhux perikoluż
7	07.3	Skart tal-gomma	Mhux perikoluż
8	07.4	Skart tal-plastik	Mhux perikoluż
9	07.5	Skart tal-injam	Mhux perikoluż
10	07.6	Skart tessili	Mhux perikoluż
11	09 eskl. 09.11, 09.3	Skart mill-annimali u veġetali (ħlief skart tal-annimali mit-tnejniet u l-prodotti tal-ikel; u ħmieġ intestinali, urina u demel tal-annimali)	Mhux perikoluż
12	09.11	Skart ta' annimali mit-tnejniet u l-prodotti tal-ikel	Mhux perikoluż
13	09.3	Ħmieġ intestinali, urina u demel tal-annimali	Mhux perikoluż
14	12	Skart minerali	Mhux perikoluż
15	12	Skart minerali	Perikoluż
16	01 + 02 + 03 + 05 + 08 + 10 + 11 + 13	Skart Ieħor (Skart kimiku kompost + Skart ta' preparazzjonijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor + Skart mill-kura tas-saħħa u bijoloġiku + Tagħmir imwarrab + Skart ordinarju imħallat + Tjun komuni + Skart solidifikat, stabilizzat jew vetrifikat)	Mhux perikoluż
17	01 + 02 + 03 + 05 + 07.5 + 07.7 + 08 + 10 + 11 + 13 eskl. 01.3	Skart Ieħor (Skart kimiku kompost ħlief Żjut użati + Skart ta' preparazzjonijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor + Skart mill-kura tas-saħħa u bijoloġiku + Skart tal-injam + Skart li fih il-PCB + Tagħmir imwarrab + Skart ordinarju imħallat + Tjun komuni + Skart solidifikat, stabilizzat jew vetrifikat)	Perikoluż

Rimi (ħlief għal inċinerazzjoni):

Nru tal-Partita	EWC-Stat Verżjoni 3		Skart perikoluż/ mhux perikoluż
	Kodiċi	Deskrizzjoni	
1	01 + 02 + 03	Skart kimiku (Skart kimiku kompost + skart ta' preparazzjonijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor)	Mhux perikoluż
2	01 + 02 + 03 eskl. 01.3	Skart kimiku ħlief Żjut użati (Skart kimiku kompost + skart ta' preparazzjonijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor)	Perikoluż
3	01.3	Żjut użati	Perikoluż
4	09 esk. 09.11, 09.3	Skart mill-annimali u veġetali (ħlief skart tal-annimali mit-tnejniet u l-prodotti tal-ikel; u ħmieġ intestinali, urina u demel tal- annimali)	Mhux perikoluż
5	09.11	Skart ta' annimali mit-tnejniet u l-prodotti tal-ikel	Mhux perikoluż
6	09.3	Ħmieġ intestinali, urina u demel tal-annimali	Mhux perikoluż
7	10.1	Skart tad-djar u simili	Mhux perikoluż
8	10.2	Materjali mħallta u mhux differenzjati	Mhux perikoluż
9	10.2	Materjali mħallta u mhux differenzjati	Perikoluż
10	10.3	Fdalijiet mill-għażil	Mhux perikoluż
11	10.3	Fdalijiet mill-għażil	Perikoluż
12	11	Tjun komuni	Mhux perikoluż
13	12	Skart minerali	Mhux perikoluż
14	12	Skart minerali	Perikoluż
15	05 + 06 + 07 + 08 + 13	Skart ieħor (Skart mill-kura tas-saħħa u bijoloġiku + Skart metalliku + Skart mhux metalliku + Tagħmir imwarrab Skart solidifikat, stabilizzat jew vetrifikat)	Mhux perikoluż

16	05 + 06 + 07 + 08 + 13	Skart ieħor (Skart mill-kura tas-saħħa u bijoloġiku + Skart metalliku + Skart mhux metalliku + Tagħmir imwarrab Skart solidifikat, stabilizzat jew vetrifikat)	Perikoluż
----	------------------------------	---	-----------

↓ 2150/2002

TAQSIMA 3

IL-KARATTERISTIĊI

Il-karateristiċi, li għalihom trid tiġi kkompilata l-istatistika dwar il-ħidmiet ta' rkupru u disponiment, kif msemmija fit-Taqsima 8(2), huma ddikjarati fit-tabella ta' hawn taħt.

In-Numru u l-kapaċità tal-ħidmiet ta' l-irkupru u tad-disponiment għal kull reġjun	
In-Nru ra' l-Oġġett	Id-Deskrizzjoni
1	In-Numru tal-faċilitajiet tal-ħidma, il-livell 2 tan-NUTS
2	Il-Kapaċità f'unitajiet skond il-ħidmiet, il-livell 2 tan-NUTS
L-Iskart ittrattat skond kull ħidma ta' rkupru u disponiment, inkluża l-importazzjoni	
3	Il-Kwantitajiet totali ta' skart ittrattat, skond il-ħidma tal-kategoriji speċifiċi ta' l-iskart elenkati fit-Taqsima 2, minbarra r-riċiklaġġ ta' l-iskart fuq il-post fejn l-iskart ġie ġġenerat, il-livell 1 tan-NUTS

TAQSIMA 4

L-UNITÀ TAR-RAPPURTAĠĠ

L-unità tar-rappurtaġġ li trid tintuża għall-kategoriji kollha ta' l-iskart hija ta' 1 000 tunnellata metrika ta' skart (normali) imxarrab. Għall-kategoriji ta' l-iskart "tajn" għandha tiġi pprovduta ċifra addizzjonali għall-materjal niexef.

↓ 2150/2002 (adattat)

TAQSIMA 5

L-EWWEL SENA TAR-RIFERIMENT U L-PERJODIĊITÀ

1. L-ewwel sena tar-riferiment ☒ 2004 ☒.
-

↓ 2150/2002

2. L-Istati Membri għandhom ifornu l-informazzjoni għal kull tieni sena, wara l-ewwel sena tar-riferiment, għall-faċilitajiet li huma msemmija fit-Taqsima 8(2).

TAQSIMA 6

IT-TRASMISSJONI TA' L-ISTATISTIKA LILL-EUROSTAT

Ir-riżultati jridu jiġu trasmessi fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena tar-riferiment.

TAQSIMA 7

IR-RAPPORT DWAR IL-KOPERTURA U L-KWALITÀ TA' L-ISTATISTIKA

↓ 221/2009 Art. 1(9)(a) (adattat)

